**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, il-31 ta' Ottubru 2024**

Każ Nru: 443/2011

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Johann J. Fenech)

**kontra**

**BRIAN BONNICI**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 82075(M))

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **BRIAN BONNICI** ta' 35 sena, imwieled il-Pieta' fil-21 ta' Jannar 1975, iben Joseph u Helen nee` Borg, residenti ġewwa numru 20, Carmelina, flat 2, Triq San Ġużepp, Pieta' u detentur ta' numru tal-karta tal-identita' 82075(M), senjatament akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-1 t'Awwissu 2010 u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess t'awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenżja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod ieħor bil-liċenżja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, kif ukoll;
3. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti war il-kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex barra il-piena skond il-liġi tordna lill-imputat jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tas-S.T.O Prim'Imħallef Mark Chetcuti tat-28 ta' Lulju 2021[1] u rat l-ezenzjoni tal-partijiet lil din il-Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi prodotti f'din il-kawża quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta[2];

Semgħet u rat ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), datati s-17 t'Ottubru 2011, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[3];

[1] Fol. 89 tal-proċess.
[2] Fol. 92 tal-proċess.
[3] Fol. 4 u 5 tal-proċess.

Rat id-digriet tat-23 ta' Novembru 2021, li permezz tiegħu din il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat u assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga[4];

Rat in oltre n-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuna li Nqabdu bid-Droga ntavolata nhar is-7 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha l-Qorti ġiet infurmata illi l-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat intemm b'suċċess[5];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

(i) Fatti

**L-ispettur Johann J. Fenech**[6] xehed li wara li l-pulizija rċeviet informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat setgħa kien involut f'ċirku ta' traffikar tad-droga, fl-1 t'Awwissu 2010, saret sorveljanza mill-pulizija quddiem id-dar tiegħu. L-imputat ġie nnutat u mwaqqaf waqt li kien fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ALX 981. Minn tfittxxija li saret fuq il-persuna tiegħu, ġol-but instabu xi pakketti bi trab abjad suspettat droga kokaina u ġo pouch fil-vettura tiegħu instabu għaxar pilloli suspettati ecstasy pills u pakkett cannabis grass. Saret ukoll tfittxija fir-residenza tiegħu. Huwa ġie arrestat u meħud fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn hemmhekk ittieħditlu stqarrija u dan wara li rrinunzja għad-dritt li jikkonsulta m'avukat qabel l-interrogazzjoni.

F'din l-**istqarrija**[7] huwa stqarr li huwa magħruf bil-laqam 'Ziffa' u li preżentament ma jaħdimx madanakollu huwa jgħin lil wieħed f'ħanut bl-isem 'Victoria' ġewwa Buġibba. Jikkonferma li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ALX981 hija tiegħu. Jgħid ukoll li preżentament kellu l-vizzju tal-kokaina tant li l-ġimgħa ta' qabel kien ikkonsma tlett pakketti. Ikkonferma li mill-pussess tiegħu l-pulizija sabu għaxar pilloli ecastasy, erbatax-il pakkett tal-plastik kontenenti trab abjad suspettat kokaina, pouch iswed, żewġ mobile phones tal-marka Nokia, envelope żgħir kannella, erba' pakketti tal-plastik trasparenti bil-cannabis grass u xi biċċiet tal-karti. Huwa jgħid li dawn l-affarijiet kien sabhom madwar ħmistax qabel l-arrest tiegħu ġewwa l-Qawra. Jispjega li huwa kien għand Paula Jankova, ħareġ il-kelb u f'mument minnhom innota taħt ġebla ġo għalqa b'xi ħaġa stramba taħtha. Mar jara x'kien hemm sab dawn is-sustanzi u kien ħadhom. Minn dakinhar huwa beda jaħseb x'ħa jagħmel bihom filwaqt li kien ikkonsma tlett

[4] A fol. 94 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol. 116 tal-proċess.
[6] Fol. 8 tal-atti proċesswali.
[7] Dok JF, fol. 12 tal-atti proċesswali.

pakketti kokaina il-ġimgħa ta' qabel. Mistoqsi jekk qatt kienx ikkonsma l-ecstasy jew il-ħaxixa huwa wieġeb fl-affermattiv meta kellu madwar sittax-il sena. Mistoqsi dwar kitba li nstabet fil-karozza konsistenti f'numri u ismijiet, l-imputat wieġeb li ma kienx jaf. Mistoqsi jekk kellux l-intenzjoni li jbiegħ din id-droga huwa jinnega dan u jgħid li kien ħa jikkonsmahom hu. **PC642 Joseph Camilleri**[8] ħa l-pedana tax-xhieda nhar l-20 ta' Marzu 2013 fejn, bħala xhud tal-istqarrija, ikkonferma bil-ġurament li huwa ngħata s-solita twissija bid-dritt li jikkonsulta mal-avukat qabel itteħid tal-istqarrija. Skond Camilleri, Bonnici kien irrrifjuta d-dritt li jikkonsulta ma avukat qabel tibda l-istqarrija. Cammilleri għaraf ukoll il-firem fuq l-istess stqarrija.

**PS579 Antoine Micallef**[9]**, PS1044 Gordon Calleja**[10]**, PC10 Trevor Cassar Mallia**[11] u **PC279 Kevin Gauci** xehdu li fl-1 t'Awwissu 2010 għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (3.15pm) waqqaf (flimkien ma membri oħra tal-iskwadra ta' kontra d-droga) vettura tal-marka Tata Indica bin-numru ta' reġistrazzjoni ALX981 ġewwa Triq l-Iskuna San Pawl il-Baħar. Din il-vettura kienet misjuqa mill-qua imputat Brian Bonnici. Minn tfitttxija li saret fuq il-persuna u l-vettura tiegħu nstabu (i) għaxar qratas bi trab abjad suspettat kokaina[12], (ii) għaxar pilloli suspettati ecstasy[13], (iii) *pouch* iswed[14] kontenenti erba' boroż bi trab abjad; erba' boroż kontenenti sustanza suspettata ħaxixa u karta b'xi numri fuqha. Micallef jispjega bil-ġurament ukoll li huwa kien ukoll preżenti meta saret tfittxija fir-residenza tal-imputat li rriżultat fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Gauci jgħid ukoll li ġew elevati ukoll żewġ mobile phones.

**Dr. Stephen Farrugia Sacco**[15], li kien nominat bħala espert minn din il-Qorti (diversament ippreseduta) sabiex jestratta l-informazzjoni minn fuq iż-żewġ mobile phones elevati mill-pulizija waqt it-tfittxija fuq l-imputat u esebiti f'dawn il-proċeduri mill-ispettur Johann J. Fenech u esebiti bħala parti minn dok. JF1[16], espleta l-inkarigu lilu mgħoti fl-14 ta' Mejju 2013 billi preżenta relazzjoni tiegħu mmarkata bħala Dok. SFS[17].

**L-ispiżjar Godwin Sammut**[18], li kien nominat bħala espert minn din il-Qorti (diversament ippreseduta) sabiex janalizza s-sustanza elevata mill-pulizija u

[8] Fol. 22 tal-proċess.
[9] Fol.14 u 15 tal-atti proċesswali.
[10] Fol. 16 u 17 tal-atti proċesswali.
[11] Fol. 18 u 19 tal-proċess.
[12] Dawn instabu ġol-but tal-qalżiet tal-qua imputat.
[13] Dawn instabu ġol-but l-ieħor tal-qalżiet tal-qua imputat.
[14] Li kien fil-vettura fuq is-seat tal-passiġier.
[15] Fol. 25 u 26 tal-proċess.
[16] Ara l-verbal a fol. 6 tal-proċess.
[17] Fol. 27 tal-proċess.
[18] Fol. 113 tal-proċess.

esebita mill-ispettur Johann J. Fenech bħala parti minn dok. JF1[19], espleta l-inkarigu tiegħu fit-22 ta' Novembru 2013. Permezz tar-rapport tiegħu, **Dok. GS**, jikkonkludi:

> *"(a) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 273_13_01 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piż tat-trab kien ta' 5.49 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 28%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *(b) Illi fuq estratti meħuda mill-ħaxix ta' lewn aħdar li hemm fid-dokument 273_13_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piż total tal-ħaxix kien ta' 1.54 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 10%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontollata bil-liġi taħt Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *(c) Illi fuq estratti meħuda mill-pilloli li hemm fid-dokument 273_13_01 instabet is-sustanza Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). In-numru ta' pilloli kienu 5. Din is-sustanzahija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.*"[20]

**In difesa, xehed l-imputat Brian Bonnici[21],** li spjega li huwa għandu tifel li għandu tnax-il sena (fl-2015) kif ukoll partner li ilu magħha għal dawn l-aħħar erbatax-il sena għajr għall-erba' snin minnhom fejn kienu miġġieldin. Spjega ukoll li missieru tahom (lilu u lil l-ħutu) biċċa art li huwa kellu sabiex din tkun tista' tinbena ħalli tintuża bħala residenza tagħhom. Hu spjega fid-dettal il-problema li affaċċja flimkien mal-partner tiegħu in konnesjoni mat-tfal u t-tqala. Dak iż-żmien huwa kellu biss l-eta' ta' tmintax ujew dsatax-il sena. Jgħid illi minħabba dawn il-problemi huwa kienu beda jikkonsma d-droga. f'dan il-perjodu huwa kien jaħdem ġo Pub ġewwa Buġibba. Fix-xhieda tiegħu Bonnici jagħmel referenza għall-istqarrija li rrillaxxa lill-ispettur Fenech u jiddikjara bil-ġurament li huwa mhux veru kien sab is-sustanzi taħt blata. Spjega li huwa kien gideb lill-ispettur Fenech għax kien jibża minn dak il-persuna li xtara d-droga mingħandu. Huwa spjega li dak iż-żmien huwa kien jikkonsma d-droga kokaina, ġieli mar xi parties fejn ikkonsma l-ectasy kien jikkonsma ukoll il-ħaxixa tal-cannabis sabiex jikkallma. Misoqsi x'kellu l-intenzjoni li jagħmel bis-sustanzi li nstabu fil-pussess tiegħu, Bonniċi għalkemm spjega li fil-problemi ta' dak iż-żmien huwa ħass li ħajtu kienet spiċċat. Bonnici spjega li llum ma għadux jikkonsma d-droga

---

[19] Ara l-verbal a fol. 6 tal-atti proċesswali.
[20] Fol. 120 tal-proċess.
[21] Fol. 153 tal-proċess.

u biddel ix-xogħol fejn qed jaħdem bħala electrician u anke qiegħed fi rwol ta' *supervisor*.

In sostenn tat-talba tal-imputat sabiex din il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti b'funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga xehdet Lorraine Galea[22] u Dr. Roberta Holland[23] (bħala espert tal-Qorti skond digrieti datati 13 ta' Jannar 2020 u 12 ta' Frar 2020).

**Ikkunsidrat:**

In linea preliminari jibda biex jingħad li l-istqarrija li l-imputat odjern irrilaxxa lill-ispettur Fenech fil-preżenza ta' PC642 Camilleri nhar it-3 t'Awwissu 2010 u dan wara li rrifjuta d-dritt tal-assistenza legali hekk kif viġenti dak iż-żmien u ċioe' d-dritt li jikkonsulta m' avukat jew prokuratur legali tal-għażla tiegħu għal siegħa qabel l-interrogatorju. F'din l-istqarrija l-imputat ammetta għall-pussess xjenti tas-sustanzi misjuba fil-pussess tiegħu iżda ma ammettiex għall-pussess aggravat. Fl-iter tal-proċeduri odjerni l-imputat ħa l-pedana tax-xhieda fejn xehed bil-ġurament inkluż b'referenza għall-istqarrija rrilaxxata minnu. Għaldaqstant din il-Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, b'referenza għall-prinċipji stabbiliti fil-każ **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018[24], u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija f'dan ir-rigward mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[25], ma hijiex ser tagħmel referenza għall-istqarrija tal-imputat iżda minflokk ser tagħmel referenza għall-bqija tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u għax-xhieda tal-imputat bil-ġurament fl-iter tal-proċeduri odjerni.

Illi permezz tal-akkużi odjerni, l-imputat jinsab akkużat bil-pussess aggravat ta' tlett sustanzi differenti – kokaina; pjanta tal-cannabis u pilloli tal-*ecstasy*. Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirriżulta l-imputat Brian Bonnici twaqqaf mill-pulizija waqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu. Dak il-ħin huwa kien l-unika persuna f'din il-vettura. Mit-tfittxija li saret mill-pulizija fuq il-vettura u fuq il-persuna ta' Bonnici rriżulta li fil-bwiet tal-qalżiet li kien libes Bonnici instabet is-sustanza kokaina u pilloli *ecstasy* (kull waħda mis-sustanzi ġo but differenti fil-

---

22 Fol. 171 tal-proċess.
23 Fol. 199 tal-proċess.
24 Li riċentament issir referenza għalihom fis-sentenza mgħotija mill-QEDB fl-ismijiet Lalik vs. Poland, 11 ta' Mejju 2023
25 F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022); Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022), Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023), Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et (31.5.23).

qalżiet) filwaqt li ġo *pouch* iswed li kien fuq is-*seat* tal-passiġier ġewwa l-vettura nstabet il-pjanta cannabis kif ukoll is-sustanza kokaina. Fix-xhieda tiegħu bil-ġurament quddiem il-Qorti Bonnici ikkonferma li l-imsemmija sustanzi kienu fil-pussess tiegħu b'mod xjenti. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan din il-Qorti ma għandhiex dubbju li mill-assjem tal-provi mressqa jirriżulta li l-imputat Brian Bonnici kien fil-pussess xjenti tas-sustanzi kokaina; pjanta cannabis u pilloli *ecstasy*.

Stabbilit dan, dak li din il-Qorti jonqosha tikkunsidra huwa jekk l-imsemmija sustanzi kienux intiżi għall-konsum esklusdsiv tal-imputat jew inkella instabux f'ċirkostanzi li jindikaw li dawn ma kinux intiżi għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza l-**Pulizija vs. Lawrence Fabri** mgħotija fis-27 t'April 2017 ngħad is-segwenti:

> "Illi maghmula din id-distinzjoni xortawahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.
>
> > *"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*
> >
> >  *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
> >
> >  *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
> >
> >  *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
> >
> >  *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
> >
> >  *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
> >
> >  *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
> >
> >  *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*
> >
> >  *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima*

*facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

 *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case."*

Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi: "Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **may be inferred from objective factual circumstances**."

Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont , kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita."

Illi fix-xhieda tiegħu bil-ġurament, l-imputat fl-ebda ħin ma stqarr li dawn is-sustanzi kienu intiżi ai fini ta' spaċċ. Fi kwalunkwe każ, mill-provi mressqa fil-proċeduri odjerni jirriżultaw is-segwenti ċirkostanzi:

1. L-imputat instab instab fil-pussess ta' tlett sustanzi differenti fl-istess ħin.
2. L-ammonti tas-sustanzi misjuba fil-pussess tiegħu u kif kienu miżmuma. Bonnici nstab fil-pussess ta' 5.49 grammi grammi kokaina b'purita' ta' ċirka 28%. Dawn kien maqsuma f'diversi qratas ta' piż simili. Fil-fatt il-piż ta' dawn il-qratas ivarjaw bejn 0.33g u 0.67g. Dan l-ammont ta' droga kokaina huwa tali li normalment ma jiġiex ikkonsmat f'istanza waħda jew tnejn. In oltre dan l-ammont kien qed jinġarr mill-imputat u mhux miżmum fir-residenza tiegħu. Fil-pussess tiegħu l-imputat kellu ħames pilloli MDMA kif ukoll 1.54 grammi pjanta tal-cannabis. Il-kannabis ukoll kienet maqsuma fi qratas differenti ta' piż simili: 0.36g, 0.36g, 0.33g u 0.49g. B'hekk l-ammont ta' droga kokaina magħdud ma' kif instabu ċertament ma jindikax li dan setgħa kien għall-użu esklussiv tal-imputat.
3. In oltre fil-pussess tal-imputat instabet karta li b'ismijiet u numri li l-imputat baqgħa qatt ma ta spjegazzjoni tagħha (dejjem hekk kif kellu kull dritt li jagħmel minħabba d-dritt tas-silenzju). Din il-karta tindika li l-imputat segħa kien qed jieħu nota tal-ammont li kien dovut mingħand numru ta' nies. Din l-istess karta nstabet fl-istess pouch iswed li ġo fih kien hemm ukoll id-droga. Mill-informazzjoni estratta minn fuq iċ-ċellulari tal-imputat jirriżulta li hemm numru ta' messaġġi li jindikaw li l-imputat kien kien dovut flejjes mingħand terzi persuni. Fosthom:

> *"Aw bri ma nsejtex ta ima il paga ada qas dahlet isa ada nahseb ax peress li lahar ta xgar gie fil weekend nahseb ma dahlitx ima ada zgur habib."*
>
> *"Aw dude isma huwnaqa pacenzja bija isa inewilomlok naqa il gima ta dihla ax gejt naqa broke man u dakinar naqbat il-paga"*

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju raġonevoli li d-droga kollha misjuba fil-pussess xjenti tal-imputat kjarament ma kinitx intiża unikament għalih. B'hekk l-imputat ser jinsab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

In kwantu **għall-piena li għandha tiġi erogata**, din il-Qorti ser tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. In-natura gravi u ċ-ċirkostanzi marbuta mal-imputazzjonijiet li tagħhom il-qua imputat ser jinsab ħati nkluż l-ammont u n-natura tad-droga nvoluta.
2. Il-fedina penali aġġornata tal-imputat minn fejn jirriżulta li kellu diversi kundanni oħra. Bl-aħħar waħda tirrisali għas-sena 2014[26]. In oltre l-imputat ma għandux każijiet oħra ta' natura kriminali pendenti quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja[27] u dan anke fid-dawl tat-trapass ta' żmien minn meta seħħew ir-reati li tagħhom qed jinstab ħati.
3. Id-digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Novembu 2021, permezz ta' liema assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga[28] u n-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-Droga pprezetata nhar is-7 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat kien temm il-proċess ta' rijabilitazzjoni tiegħu b'suċċess[29].
4. Mir-relazzjoni ta' Dr. Roberta Holland jirriżulta li fiż-żmien t'Awwissu tas-sena 2010 l-imputat kien dipendenti fuq id-droga kokaina. Din id-dipendenza kienet bdiet hekk kif Bonnici qabeż l-eta' ta' għoxrin sena. Jidher ukoll li qabel jikkonsma l-kokaina huwa kien dipendenti ukoll fuq il-pilloli ecstasy u s-sustanza cannabis. Id-djanjosi tat riżultati li jindikaw li l-imputat kellu diżordni severa in kwantu għall-użu ta' kokaina. Madanakollu jirriżulta ukoll mill-istess rapport li l-imputat tejjeb ferm is-sitwazzjoni tiegħu u għamel progress sostanzjali u passi konkreti sabiex jirriabilita ruħu.

[26] Fol. 126 tal-proċess.
[27] Xhieda ta' Christine Farrugia, fol. 131 tal-atti proċesswali.
[28] Fol. 94 tal-atti proċesswali.
[29] Fol. 116 tal-atti proċesswali.

5. Il-fatt li minn tal-inqas fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, l-imputat wettaq ir-reat li tiegħu qed jinstab ħati minħabba l-fatt illi dak iż-żmien huwa kien dipendenti fuq id-droga. Fil-fatt fir-rapport tagħha Dr. Holland tiddikjara s-segwenti:

   "*Jidher għalhekk li r-reat odjern kien relatat mad-dipendenza u l-użu tad-droga ta' l-imputat, l-istil ta' ħajja li kien jgħix u nuqqas ta' ħiliet personali.*"[30]

   Għalkemm dan ma jiskulpax lill-imputat mir-responsabilita' tiegħu għall-imputazzjonijiet li tagħhom ser jinsab ħati, din il-Qorti ser tqis din iċ-ċirkostanza magħduda mal-proċess ta' rijabilitazzjoni tiegħu (hekk kif spjegat fil-paragrafu preċedenti) sabiex teroga piena alternativa għall-priġunerija effettiva skond dak li jistipula l-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(d), it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a), u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 40A, 120, 120A(1)(a), u 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 4 u 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 31.18 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-qua imputat, Brian Bonnici, ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrieh u konsegwentament qed tikkundanah għall-piena ta' sena priġunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, din il-piena ma għandhiex tibda sseħħ sakemm il-ħati ma jikkommettiex delitt ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sentejn mil-lum u multa ta' elfejn ewro (Eur. 2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100) fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ammontanti għas-somma ta' elf, tlett mija ħamsa u disgħin Ewro, sebgħa u tmenin ċenteżmu (Eur. 1,395.87), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sena mil-lum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[30] Fol. 221 tal-proċess.

Finalment, tordna l-konfiska tal-oġġetti relatati mad-droga esebiti kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

**Elaine Rizzo**

**Maġistrat**

**Christine Farrugia**

**Deputat Reġistratur**